MALTA

ATT Nru. IX ta' l-2005

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204 u biex jagħmel emendi konsegwenzjali għal dan.

ACT No. IX of 2005

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Central Bank of Malta Act, Cap. 204 and to make consequential amendments.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

5 ta' Lulju, 2005

ATT Nru. IX ta' l-2005

Att biex jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204 u biex jagħmel emendi konsegwenzjali għal dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 204.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala is-subartikolu (4) ta' l-artikolu;

(b) minnufih wara s-subartikolu (2), għandu jiżdied is-subartikolu (3) ġdid kif ġej:

"(3) Għall-finijiet ta' twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu ta' sorveljanza, partikolarment dwar ħwejjeġ relatati mal-proċess ta' awditjar intern u estern, mas-sistema ta' maniġġar ta' riskju u kontroll intern u mal-proċess ta' rappurtar finanzjarju, il-Bord għandu jistabbilixxi u għandu jiġi mgħejjun minn Kumitat ta' Awditjar, li jkun jippresjedi

fih xi wieħed mid-diretturi li la jkun il-Gvernatur u lanqas id-Deputat Gvernatur."; u

(ċ) fis-subartikolu (4) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "artikoli 39 sa 49A," għandhom jidħlu l-kliem "artikoli 39 sa 43,".

Żieda ta' l- artikolu 38Ġ ġdid ma' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 38F ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"38Ġ. Il-Bank jista' jkollu ishma u jipparteċipa b'metodi oħra f'organizzazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali u jista' aktar minn hekk jipparteċipa f'pattijiet ta' ftehim internazzjonali ta' xorta monetarja, sal-limitu meħtieġ biex il-Bank ikun jista' jwettaq ħidmietu u dmirijietu taħt il-liġi u jissodisfa l-obbligazzjonijiet internazzjonali li jkollu.".

Żieda ta' l-artikolu 49F ġdid ma' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 49E ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Sanzjonijiet dwar midalji u *tokens* li jixbhu l-muniti euro.

49F. (1) Kull min, ħlief jekk dan ikollu l-awtorità tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, jipproduċi, ibiegħ, jimporta jew iqassam għal skopijiet ta' bejgħ jew għal skopijiet kummerċjali oħra midalji u *tokens* li jixbhu l-muniti euro:

(a) li jkollhom il-kliem "euro" jew "euro cent" jew is-simbolu ta' l-euro jidhru fuqhom; jew

(b) li d-daqs tagħhom jaqa' taħt il-faxxa ta' riferenza murija fl-Iskeda; jew

(ċ) li jkollhom fuqhom xi disinn li jkun jixbah id-disinn nazzjonali li hemm fuq in-naħa ta' quddiem, jew id-disinn komuni ta' fuq in-naħa ta' wara tal-muniti euro, jew li jkunu identiċi jew jixbħu d-disinn tax-xifer tal-munita taż-żewġ euro,

ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn għaxart elef lira, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Dawn li ġejjin għandhom ikunu midalji jew *tokens* eżenti:

(a) midalji u *tokens* li jkollhom fuqhom il-kliem "euro" jew "euro cent" jew is-simbolu ta' l-euro mingħajr valur nominali assoċjat sakemm id-daqs tagħhom ma jkunx joħroġ 'il barra mill-faxxa ta' riferenza;

(b) midalji u *tokens* li d-daqs tagħhom ikun ġol-faxxa ta' riferenza u li:

(i) jkunu mtaqqbin fin-nofs b'toqba usa' minn sitt millimetri, jew meta l-forma tagħhom tkun waħda poligonali iżda li tkun limitata għal sitt faċċati, iżda għandhom ikunu skond il-kundizzjoni taħt is-subartikolu (3)(b); jew

(ii) ikunu magħmulin minn taħlit ta' metal li fihom id-deheb, il-fidda u l-platinu b'finezza milleżimali ta' iżjed minn 375, 500 u 850 rispettivament; jew

(iii) ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subartikolu (3).

(3) Il-kundizzjonijiet msemmija fis-subartikolu (2)(b)(iii) huma dawn li ġejjin:

(a) it-tagħqid ta' dijametru u ħxuna tax-xifer tal-midalji u *tokens* ikunu konsistentement 'il barra mill-meded definiti f'kull wieħed mill-każijiet imfissra f'punt 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att; u

(b) it-tagħqid ta' dijametru u propretajiet tal-metall tal- midalji u *tokens* ikunu konsistentement 'il barra mill-meded kif definiti f'kull wieħed mill-każijiet mfissra f'punt 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) F'dan l-artikolu:

"faxxa ta' riferenza" tfisser il-ġemgħa tat-tagħqid kollu bejn il-valuri għad-dijametru u l-valuri tal-ħxuna tax-xifer li huma inklużi fil-medda ta' riferenza għad-dijametru u l-faxxa ta' riferenza għall-ħxuna tax-xifer rispettivament;

"medda ta' riferenza għad-dijametru" hija dik bejn 19,00 millimetru u 28,00 millimetru; u

"medda ta' riferenza għax-xifer" hija dik inkluża bejn 7,00% u 12,00% ta' kull valur fil-medda ta' riferenza għad-dijametru.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal-muniti u *tokens* li jkunu ħarġu qabel is-6 ta' Diċembru 2004.".

5. Minnufih wara artikolu 55 ta' l-Att prinċipali, għandha tidħol din l-Iskeda li ġejja:- Żieda ta' Skeda ma' l-Att prinċipali.

“SKEDA

(Artikolu 49F)

1. Meded imsemmija f’artikolu 49F (3)(a)

Medda Definita		
	Dijametru (mm)	Ħxuna tax-xifer (mm)
1.	19,45 – 20,05	1,63 – 2,23
2.	21,95 – 22,55	1,84 – 2,44
3.	22,95 – 23,55	2,03 – 2,63
4.	23,95 – 24,55	2,08 – 2,68
5.	25,45 – 26,05	1,90 – 2,50

2. Meded imsemmija f’artikolu 49F(3)(b)

	Dijametru (mm)	**Propjetà tal-metall**
1.	19,00 – 21,94	*Electrical conductivity* bejn 14,00 u 18,00% IACS
2.	21,95 – 24,55	*Electrical conductivity* bejn: - 14,00 u 18,00% IACS; jew - 4,50 u 6,50% IACS, kemm-il darba l-midalja jew *token* tkun magħmula minn taħlita ta’ metall wieħed u l-*magnetic moment* ikun joħroġ ’il barra minn 1,0 sa 7,0 µVs.ċm
3.	24,56 – 26,05	*Electrical conductivity* bejn: - 15,00 u 18,00% IACS; jew - 13,00 u 15,00% IACS, kemm-il darba l-midalja jew *token* tkun magħmula minn metall wieħed u l-*magnetic moment* ikun joħroġ ’il barra minn 1,0 sa 7,0 µVs.ċm
4.	26,06 – 28,00	*Electrical conductivity* bejn 13,00 u 15,00% IACS, kemm-il darba l-midalja jew *token* tkun magħmula minn metall wieħed u l-*magnetic moment* ikun joħroġ ’il barra minn 1,0 sa 7,0 µVs.ċm

”.

6. L-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att prinċipali", għandu jiġi emendat kif ġej: -

Emenda konsegwenzjali ta' l-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji, Kap. 461.

(1) l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih wara t-tifsira "awditjar intern" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Bank Ċentrali ta' Malta" jew "il-Bank" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta stabbilit bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;"; u

Kap. 204.

(b) minnufih wara t-tifsira "konflitt ta' nteress" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat ta' Awditjar" tfisser il-Kumitat ta' Awditjar stabbilit taħt l-artikolu 7(3) ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;";

(2) minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Minkejja s-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, meta l-entità awditjata tkun il-Bank Ċentrali ta' Malta, kull rapport ta' investigazzjoni finanzjarja li ssir fil-Bank għandu jiġi ppreżentat lill-President tal-Kumitat ta' Awditjar tal-Bank li għandu, fi żmien xahar minn meta jirċievi dak ir-rapport, jagħti struzzjonijiet lill-Gvernatur tal-Bank kif meħtieġ biex isewwi kull nuqqas, u għandu jinforma lid-Direttur b'dan.";

(3) fl-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' l-entità awditjata." għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-entità awditjata:" u minnufih wara dawn il-kliem għandu jidħol il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ tal-Bank Ċentrali ta' Malta, meta d-Direttur ikun tal-fehma li l-irregolarità tkun waħda ta' xorta amministrattiva, huwa għandu jinforma lill-President tal-Kumitat ta' Awditjar tal-Bank."; u

(4) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att, minnufih wara l-kliem "lis-Segretarju Permanenti" għandhom jidħlu l-kliem "jew, skond il-każ, lill-President tal-Kumitat ta' Awditjar tal-Bank Ċentrali ta' Malta".

Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.

7. L-artikolu 9B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, fit-tifsira "assi kwalifikattivi", minnufih wara l-kliem "l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju" għandhom jidħlu l-kliem "jew l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minnufih wara l-kliem "jew akkumulu ta' dak l-*income*," għandhom jidħlu l-kliem "f'kull żmien qabel id-data meta l-assi jiġu reġistrati bħala assi kwalifikattivi,";

(ii) minflok il-kliem "l-1 ta' Settembru, 2001" għandhom jidħlu l-kliem "il-31 ta' Marzu, 2005"; u

(iii) minflok il-kliem "l-1 ta' Jannar, 2001" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Jannar, 2005";

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "l-1 ta' Settembru, 2001" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Marzu, 2005";

(ii) minnufih wara l-kliem "għal dak it-trasferiment jew dik it-trasmisjsoni," għandhom jidħlu l-kliem "f'kull żmien qabel id-data meta l-assi jiġu reġistrati bħala assi kwalifikattivi,"; u

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-1 ta' Settembru, 2001" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Marzu, 2005".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 285 tat-28 ta' Ġunju, 2005.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati